MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 953/2008

**Rosaria Galea**

**vs**

**Mario Sciberras**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbat elef, tmien mija u hamsa u erbghin Euro u ghaxar centezmi (€4,845.10), ekwivalenti ghal elfejn u tmenin lira Maltin (Lm2,080) rapprezentanti manteniment ghall-minuri Emerson Sciberras lill-attrici mill-konvenut kif ordnat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet moghti nhar it-12 ta' Marzu, 2004.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa l-inkompetenza tat-Tribunal *rationae valoris* stante illi l-ammont mitlub fl-Avviz jeccedi l-massimu preskritt mill-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

Ra li in vista tal-ewwel eccezzjoni, l-attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni b'dana illi t-talba issa hija ghal hlas tas-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06), u cioe' ekwivalenti ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500).

Ra  x-xhieda ta' l-attrici li tikkonferma li sallum ghadha ma thallset l-ebda manteniment minghand zewgha l-konvenut, liema manteniment kien dovut ghat-tifel minuri li llum ser jaghlaq disa' (9) snin.

<u>Ikkunsidra</u>

F'dan il-kaz, il-konvenut kellu diversi opportunitajiet sabiex jipproduci x-xhieda tieghu, izda naqas milli jaghmel dan. Ghalhekk, it-Tribunal ser ikollu jibbaza d-decizjoni tieghu fuq il-provi li gew prodotti mill-attrici.

L-unika prova li ngabet hija li sallum dan il-manteniment reklamat mill-attrici ghadu ma thallasx mill-konvenut u dan meta hemm digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (digriet numru 246/2004) li bih gie ordnat jhallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' ghaxar liri Maltin (Lm10), u cioe' illum ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

Jirrizulta li tul il-perjodu ta' erba' (4) snin, u cioe' bejn is-sena 2004, meta nghata d-digriet, sa' l-1 ta' Ottubru, 2008, il-konvenut qatt ma hallas dan il-manteniment ghat-tifel tieghu li llum ghandu disa' (9) snin.

Illi, peress li ma jirrizultax li hemm xi provi kuntrarji ghal dak li qedgha ssostni l-attrici, it-Tribunal m'ghandhux triq ohra, ghajr li jilqa' t-talbiet attrici. Dana qed taghmlu wara li ovvjament qed tiddjara l-eccezzjoni tal-konvenut tal-inkopetenza ta' dan it-Tribunal bhala sorpassata u reza inapplikabbli stante ir-riduzzjoni fuq imsemmija.

It-Tribunal josserva illi l-attrici fl-avviz naqset milli espressament titlob il-kundanna ghall-ispejjes, pero', fic-

cirkustanza t-Tribunal jara li hu ovvju li din hija insita fit-talba tenut kont tal-azzjoni attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut, li del resto talab il-kundanna tal-attrici ghall-ispejjes, ghal hlas tal-ispejjes ta’ din l-istanza.

Fil-fehma tat-Tribunal, billi l-konvenut, tul il-kawza, ma rreagixxiex ghal din ir-riduzzjoni, t-Tribunal ihoss illi l-ispejjes relattivi ghandhom jidhlu fit-total tal-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------